

Fetħu l-Applikazzjonijiet għall-Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità 2025

Brussell, is-26 ta' Novembru 2024

Il-[Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità](#) jirritorna għar-raba' edizzjoni.

Il-premju, li tnieda fl-2020, jirrikonoxxi rħula, bliet u reġjuni ta' kull daqs li jisfruttaw is-saħħa tad-diversità u jrawmu komunitajiet inklużivi permezz tal-inizjattivi, il-politiki u l-programmi innovattivi tagħhom. Il-kompetizzjoni hi opportunità għall-awtoritajiet lokali biex juru politiki u inizjattivi li joħolqu spazji iktar diversi u inklużivi għal kulħadd.

Il-Kummissjoni Ewropea se tiżvela r-rebbieħa tal-Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità f'ċerimonja fid-29 ta' April 2025. L-avveniment ta' livell għoli se jlaqqa' flimkien sindki, uffiċjali nazzjonali, nies ħabrieċa fl-oqsmha tad-diversità u l-inklużjoni u dawk li jfasslu l-politika.

Il-premju juri l-isforzi kbar tal-irħula, tal-ibliet u tar-reġjuni tal-UE li jieħdu impenn li jibnu soċjetajiet inklużivi u ekwi. Iċ-ċelebrazzjoni tal-ħidma ta' dawk li jippromwovu d-diversità u l-inklużjoni tgħin biex tgħolli l-istandards u tispira lill-oħrajn biex irawmu ambjenti li fihom kulħadd jista' jirnexxi. L-enfasi speċifika ta' din is-sena fuq l-akkomodazzjoni inklużiva tixħet dawl fuq l-importanza tal-aċċess ugwali għas-suq tal-akkomodazzjoni għal kulħadd.

Il-premju jirrikonoxxi r-rebbieħa tad-Deheb, tal-Fidda u tal-Bronż f'żewġ kategoriji ewlenin:

- awtoritajiet lokali b'inqas minn 50,000 abitant
- awtoritajiet lokali b'iktar minn 50,000 abitant

Fl-2025, se jkun hemm premju speċifiku ddedikat għall-akkomodazzjoni inklużiva.

Il-Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità hu miftuħ għall-awtoritajiet lokali kollha fl-UE. Hi opportunità biex jintwerew politiki u inizjattivi li jibnu soċjetajiet iktar ġusti u iktar inklużivi billi tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, tal-orìġini razzjali jew etnika, tar-reliġjon jew it-twemmin, tad-diżabilità, tal-età, jew tal-identità LGBTIQ.

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu permezz [tas-sit web tal-Premju](#) sas-7 ta' Frar 2025.

Il-kandidati li jiddaħħlu fil-lista mqassra se jitħabbru fuq [is-sit web uffiċjali](#), filwaqt li r-rebbieħa se jiġu żvelati matul iċ-ċerimonja tal-Premju fid-29 ta' April 2025 fi Brussell. Ir-rappreżentanti tal-mezzi tax-xandir huma mistiedna jattendu ċ-ċerimonja, li se tiġi organizzata flimkien mal-ftuħ tax-Xahar Ewropew tad-Diversità.

Edizzjonijiet ta' Qabel tal-Premju

Sir af aktar dwar is-seba' [rebbieħa tal-Premju 2024](#) rikonoxxuti għall-kontribut tagħhom għal Ewropa iktar ugwali u inklużiva.

Kuntatt għall-mezzi tax-xandir

Għal mistoqsijiet tal-mezzi tax-xandir jew li għandhom jiddiedu mal-lista tal-mezzi tax-xandir tagħna għall-Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità jew għax-Xahar Ewropew tad-Diversità, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

eudiversity_press@vo-europe.eu

[Link biex tabbona għaċ-ċirkulari #DiversityCapitals](#)

Iktar informazzjoni

Għal iktar informazzjoni dwar il-Premju għall-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità u x-Xahar Ewropew tad-Diversità, żur [is-sit web](#) tagħna u segwina fuq il-midja soċjali.

#DiversityCapitals #UnionOfEquality

[X](#)

[Facebook](#)

[LinkedIn](#)

[YouTube](#)